# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 20**

**Rikors maħluf numru 241/2016/1 JVC**

***Malta Playing Fields Association***

***v.***

***Royal Malta Yacht Club*; u b'dikriet tat-2 ta' Ġunju 2016 issejħu fil-kawża l-Awtorità tal-Artijiet (ġà Kummissarju tal-Artijiet) u *Sport Malta* (ġià Kunsill Malti għall-i*Sport*)**

1. Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-Imħallef Giannino Caruana Demajo mressqa mill-konvenuti *Royal Malta Yacht Club* u *Sport Malta*. Ir-raġuni għar-rikuża hija li l-istess imħallef kien membru tal-Qorti Kostituzzjonali li b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2015 ikkonfermat

sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża fl-ismijiet *Malta Playing Fields Association* v. Kummissarju tal-Artijiet *et*[1] li ħassret ordni ta' esproprjazzjoni tal-utli dominju temporanju li l-assoċjazzjoni attriċi għandha fuq proprjetà f'Ta' Xbiex.

2. Issa li l-esproprjazzjoni tħassret, u għalhekk l-attriċi għad għandha t-titolu fuq l-art, l-attriċi qiegħda bis-saħħa ta' dak it-titolu titlob l-iżgumbrament tal-*club* konvenut mill-istess art. Il-*club* konvenut min-naħa tiegħu jivvanta titolu ta' enfitewsi li kien ingħata lilu mill-konvenuti l-oħra wara li kienet saret l-esproprjazzjoni u qabel ma l-esproprjazzjoni tħassret bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

3. L-argument tal-konvenuti huwa illi, ladarba l-esproprjazzjoni tħassret bis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Kostituzzjonali, u b'konsegwenza ta' hekk it-titolu tal-attriċi fuq l-art – li bis-saħħa tiegħu l-attriċi qiegħda titlob l-iżgumbrament – ma tħassarx bl-esproprjazzjoni, l-imħallef li kien membru ta' dik il-qorti ma għandux jisma' u jaqta' l-kawża tallum.

4. Il-meritu tal-kawża kostituzzjonali kienet il-validità tal-esproprjazzjoni; il-meritu tal-kawża tallum huwa dwar jekk l-attriċi għandhiex titolu li jagħtiha dritt li titlob l-iżgumbrament tal-*club* konvenut, u jekk it-titolu ta' enfitewsi li għandu l-*club* huwiex difiża tajba għat-talba tal-attriċi.

5. Tassew illi d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li ħassret l-esproprjazzjoni tista' tolqot il-validità kemm tat-titolu tal-attriċi u kemm ta' dak tal-*club* konvenut. Madankollu l-kwistjoni tal-validità tal-esproprjazzjoni issa hija

1 Rik. kost. 8/2009

magħluqa; hija *datum* ta' fatt għall-għanijiet tal-kawża tallum u f'din il-kawża ma hijiex sejra tingħata deċiżjoni dwar dak l-istess meritu. Il-fatt illi mħallef kien membru ta' qorti li tat sentenza li tista' jkollha effett fuq il-meritu tal-kawża tallum ma jwassalx għar-rikuża ta' dak l-imħallef, daqskemm imħallef li jiddeċiedi eċċezzjoni preliminari f'kawża ma jistax jiġi rikużat milli jkompli jisma' l-istess kawża għax id-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari tista' jkollha effett fuq kif eventwalment tinqata' l-kawża.

6. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

7. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da